MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 581/2006

**Bjorn sive Bronja Borg**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi permezz tieghu r-rikorrent ippremetta illi:

1. L-attur twieled fl-1 ta` Jannar, 1985 u gie registrat fl-att tat-twelid tieghu bhala ta` sess maskili, kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid (Dok. A).

2. L-attur huwa domiciljat hawn Malta.

3. Minn ckunitu, l-esponent kellu inklinazzjonijiet, atteggjamenti u orjentamenti femminili, kemm psikologikament kif ukoll esternament.

4. Ghalhekk, sabiex jehles mill-konflitti interni gharrigward tal-personalitajiet tieghu, l-attur issottometta ruhu ghall-operazzjoni kirurgika maghrufa bhala *“gender reassignment”* fi sptar fl-Ingilterra u b`hekk assuma s-sess femminili b`mod irriversibbli.

5. L-artikolu 257A tal-Kap. 16 jistabbilixxi illi l-attur, f`dawn ic-cirkostanzi, jista` jitlob permezz ta` citazzjoni, sabiex tigi mibdula l-annotazzjoni dwar is-sess ficcertifikat tat-twelid tieghu.

Talab lill-intimat jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

i) Tiddikjara illi l-attur assuma s-sess femminili b`mod irriversibbli kif kontemplat fl-artikolu 257A(2) tal-Kap. 16, u dan permezz ta` periti nominandi.

ii) Tordna lill-konvenut sabiex biex jaghmel annotazzjoni fl-atti tat-twelid ta` l-attur rigward il-partikolaritajiet dwar issess assunt minnu, kif kontemplat fl-artikolu 257A) tal-Kap. 16 fis-sens illi s-sess ta` l-attur fl-istess certifikat tat-twelid jigi jaqra *“femminili”*.

iii) Tordna lill-konvenut sabiex jaghmel annotazzjoni wkoll fis-sens illi isem l-attur, minn Bjorn, isir jaqra Bronja.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn fiha eccepixxa illi:

1) Preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott millfatti kif allegati fir-rikors u ghalhekk jirrimetti ruhu ghallprovi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta` din l-Onorabbli Qorti.

2) Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg li tingieb il-prova tad-domicilju u li Bjorn sive Bronja Borg ma ikkontrattax zwieg u dana ai termini ta` l-Artikolu 257A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta.

3) Ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta` l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta.

4) Fi kwalunkwe kaz l-azzjoni odjerna mhix attribwibbli ghal xi nuqqas ta` l-intimat u ghalhekk l-esponent m`ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta` l-istanti.

5) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant, l-esponent fir-rigward tat-talbiet dedotti fir-rikors umilment jirrimetti ruhu fil-mertu a bazi ta` din ir-risposta; bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti ezebiti.

Rat l-affidavit prodott.

Rat l-estratt tal-gazzetta tal-Gvern datat 27 ta` Ottubru, 2006.

Rat ir-rapport tal-espert mediku.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Din hija kawza fejn ir-rikorrenti qed jallega li twieled Malta fl-1 ta` Jannar, 1985 u gie registrat bhala ta` sess maskili. Huwa jghix Malta u hu dominciljat Malta. Jghid li minn ckunitu dejjem kellu inklinazzjonijiet u atteggjamenti kemm interni kif ukoll psikologici ta` natura femminili.

Meta beda jikber bdew il-konsultazzjonijiet medici li, skond ma xehed l-istess rikorrent kienu kkonfermaw l-inklinazzjonijiet femminili tieghu tant li huwa beda jigi sottomess ghal trattament ormonali u finalment trattament kirurgiku fl-Ingilterra. Dan it-trattament kirurgiku kien tan-

natura ta` *gender reassignment*.  Huwa kien ukoll ghamel operazzjoni ta` *"implantation"* fis-sider.

Dawn it-trattamenti komplessivament kellhom ir-rizultanza li n-natura fizika tieghu giet konformi ma` dik psikologika u ta` mgieba li minn dejjem kellu.

Dan kollu gie konfermat ukoll mill-espert mediku nominata mill-Qorti Dr. Astrid Camilleri (rapport a fol. 28 tal-process).  L-istess perit mediku kkonfermat illi ghalhekk, issa l-karatteristici sesswali tar-rikorrent kemm dawk primarji kif ukoll dawk sekondarji u psikologici huma ta` natura femminili.  Ukoll l-istess espert mediku ikkonfermat dan l-istat hekk milqugh huwa ta` natura irriversibbli.

*"Hence it can be concluded that the sex reassignment therapy with hormone replacement therapy to modify secondary sexual characteristics, the sex reassignment surgery to alter primary sexual characteristics together with adequate psychological preparations have made the alteration of Bronja's gender identity complete and definitely irreversible.  Her assigned sex at present is female"*.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tilqa` t-talbiet tar-rikorrenti fis-sens illi:

1.  tiddikjara li r-rikorrenti assuma s-sess femminili b`mod irriversibbli.

2.  tordna lill-intimat sabiex jaghmel annotazzjoni fl-atti tat-twelid tar-rikorrenti rigward il-partikolaritajiet dwar is-sess assunt minnu kif kontemplat fl-Art. 257A tal-Kap. 16 fis-sens li s-sess tar-rikorrenti fl-istess certifikat tat-twelid jigi jaqra femminili.

3.  tordna lill-intimat sabiex jaghmel annotazzjoni wkoll fis-sens illi isem ir-rikorrenti minn *"Bjorn"* isir jaqra *"Bronja"* u dan kollox ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Kap. 16 inkluzi l-Art. 257A, 257B u 257C ta` l-istess Kap.

Il-Qorti tordna wkoll illi ai termini tal-Art. 256 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi f`gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta` kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-Kap. 16.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mir-rikorrent a tenur tal-Art. 257(A)(5) tal-Kap. 16.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------